MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 921/2013

**Tina Petersone, gja Tina Gulbe (detentrici tal-passaport Latvjan Nr. LV4105244) u Liga Langmane (detentrici tal-passaport Latvjan Nr. LV3594890) fil-kwalita` taghhom ta` diretturi tal-kumpannija Maltija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. (numru ufficjali SV 59)**

***kontra***

**Norvik (Malta) SICAV p.l.c. (numru ufficjali SV59), u b`nota tal-4 ta` Frar 2014 l-Avukat Dr Tonio Grech accetta l-bandu bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lis-socjeta` Norvik (Malta) SICAV p.l.c.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Settembru 2013 li jaqra hekk :-

1. *Illi dan ir-rikors qed jigi mhejji a tenur tal-Artikolu 218(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

2. *Illi r-rikorrenti huma l-unici diretturi tal-kumpannija ntimata Norvik (Malta) SICAV p.l.c. li hija skema ta` investiment kollettiv (collective investment scheme) registrata skond il-ligi Maltija bhala kumpannija ta` investiment b`kapital azzjonarju varjabbli b`numru ta` fondi ta` investment separati (multi-fund investment company with variable share capital) u li ghandha numru ufficjali SV59 u l-ufficju registrat fi `C`, `Ivy Mansions`, Triq il-Qasam, Swieqi SWQ 3025, Malta. Kopja ta` l-istatut (Memorandum and Articles of Association) tal-kumpannija intimata qed tigi annessa ma` dan ir-rikors bhala* ***Dok A*** *flimkien ma` estratt mir-Registru tal-Kumpanniji mehud mill-portal elettroniku tal-istess Registru li jikkonferma min huma d-diretturi tal-kumpannija u d-detenturi tal-hekk imsejha Founder A Shares (****Dok B****) ;*

3. *Illi l-kumpannija kienet registrata fl-1 ta` Marzu, 2007 u kienet licenzjata mill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta (****MFSA****) bhala Professional Investor Fund ai termini tal-Att dwar Servizzi ta` Investiment (Kap 370 tal-Ligijiet ta` Malta). Kopja tal-licenzji mahruga mill-MFSA ghad-diversi sub-funds tal-kumpannija hija hawn annessa u mmarkata* ***Dok C*** *;*

4. *Illi prezentement il-kumpannija hija komposta minn seba` sub-funds u cioe` Norvik Property Fund, Norvik Property Fund Armenia, Norvik Property Fund Bulgaria, Norvik Property Fund Ukraine, Norvik Securities Fund, Norvik Venture Capital Fund u Norvik West Venture Capital Fund. Kopja tal-Offerring Memorandum and Supplement Thereto mahruga mill-kumpannija*

*dwar l-istess kumpannija u s-sub-funds taghha huma hawn annessi bhala dokument wiehed u mmarkati **Dok D** ;*

5. *Illi l-investimenti maghmula mis-sub-funds imsemmija fil-kuntest tal-Investment Objectives rispettivi taghhom jinkludu investimenti fi proprjetà immobbli fi diversi pajjizi, investimenti f`kumpanniji attivi fis-settur tal-agrikoltura u kultivazzjoni ta` injam kif ukoll investimenti ohra fi strumenti finanzjarji differenti. Kopja tar-rapport finanzjarju tal-kumpannija ghas-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta` Dicembru, 2011 hija hawn annessa u mmarkata **Dok E**. Qed jigi anness ukoll prospett indikattiv tal-investimenti tal-kumpannija skond l-ahjar informazzjoni illi ghandhom id-diretturi tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz hekk kif spjegat ahjar hawn taht (**Dok F**) ;*

6. *Illi l-kumpannija kienet qabbdet lil AS Norvik Banka, kumpannija (ossia joint stock company) registrata gewwa l-Latvja b`numru ufficjali 40003072918 u indirizz registrat fi E. Biznieka-Upisa Street 21, Riga, LV-1011, Latvia, bhala kustodju (Custodian) ta` l-iskema (hawn taht indikata bhala l-**Kustodju**) u dan a tenur ta` Custodianship Agreement iffirmat fl-1 ta` Marzu, 2007 ; u qabdet ukoll lil JSC Norvik ieguldījumu pārvaldes sabiedrība, kumpannija (ossia joint stock company) registrata gewwa l-Latvja b`numru ufficjali 40003411599 u indirizz registrat fi E. Biznieka-Upisa Street 21, Riga, LV-1011, Latvia bhala amministratur u manager tal-iskema (hawn taht indikata bhala l-**Manager** jew **NIPS**) u dan a tenur ta` Administration and Investment Management Agreement iffirmat fl-1 ta` Marzu, 2007. Kopja ta` traduzzjoni ghall-Ingliz taz-zewg kuntratti huma hawn annessi u mmarkati **Dok G** u **Dok H** rispettivament ;*

7. *Illi sa fejn jafu r-rikorrenti sat-30 ta` Gunju, 2012 l-unika persuna illi kellha investor shares fis-sub-funds tal-kumpannija kienet il-Kustodju. Ghandu jinghad illi l-kotba kollha tal-kumpannija, u dawk tas-sub-funds taghha u tal-investimenti u investituri rispettivi taghhom kienu mizmuma esklussivament mill-Manager li kien responsabbli wkoll ghall-valutazzjoni tal-Net Asset Value tal-investor shares fis-sub-funds izda sad-data ta` llum il-Manager qieghed jirrifjuta illi jghaddi dawn il-kotba u l-informazzjoni relattiva lir-rikorrenti ;*

8. *Illi fit-18 ta` Ottubru, 2012 ir-rikorrenti Tina Peterstone bieghet u ttrasferiet il-Founder A Shares kollha taghha ossia disa` mija disa` u disghin (999) Founder A Share lis-Sur Aldis Upenieks. Il-kumpannija ghandha elf (1000) Founder A Shares li minnhom wiehed huwa mizmum mill-Manager. Il-Founder A Shares huma l-unici ishma fil-kumpannija illi jaghtu dritt ta` vot fil-laqghat generali tal-azzjonisti tal-kumpannija fil-waqt illi l-Investor Shares mahruga mill-kumpannija lill-investituri fis-sub-funds tal-kumpannija ma jaghtux dritt ta` vot. Ir-rikorrenti Tina Peterstone baghtet avviz lill-kumpannija dwar it-*

*trasferiment ta` l-ishma ossia Founder A Shares taghha fit-18 ta` Ottubru, 2012 u l-kumpannija baghtet talba lill-MFSA ghall-kunsens tar-regolatur ghall-istess trasferiment permezz ta` ittra datata 19 ta` Ottubru, 2012. Minkejja dan u minkejja illi dan it-trasferiment kien ukoll diskuss fid-19 ta` Ottubru, 2012 fil-kuntest ta` rizoluzzjoni li giet approvata dakinhar mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija dwar emendi fl-Offerring Memorandum and Supplement Thereto fir-rigward tal-kumpannija u s-sub-funds taghha, sad-data ta` llum dan it-trasferiment ta` ishma ghadu ma huwiex effettiv stante illi l-MFSA qatt ma tat l-approvazzjoni formali taghha kif mehtieg mil-ligi. Qed tigi annessa kopja tal-att ta` trasferiment iffirmat bejn r-rikorrenti Peterstone u l-imsemmi Upenieks fit-18 ta` Ottubru, 2012 (**Dok I**). Qed tigi annessa wkoll kopja ta` ittra datata 18 ta` Ottubru, 2012 mibghuta mir-rikorrenti Peterstone lill-kumpannija dwar it-trasferiment tad-999 Founder A Shares (**Dok J**) kif ukoll tal-ittra datata 19 ta` Ottubru, 2012 mibghuta mill-kumpannija lill-MFSA ghall-approvazzjoni tat-trasferiment ta` l-istess ishma (**Dok K**). Qed tigi annessa wkoll kopja tar-risoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija datata 19 ta` Ottubru, 2012 (**Dok L**) ;*

9. *Illi xi zmien bejn Ottubru 2012 u April 2013 il-Manager u/jew il-Kustodju allegatament taw informazzjoni lill-MFSA fis-sens illi r-rikorrenti Peterstone ma kenitx trasferiet d-999 Founder A Shares taghha lil Upenieks izda illi din kienet ttrasferiethom lil certu Yury Shapurov li kellu numru sostanzjali, ossia madwar 26%, ta` l-ishma fil-Kustodju stess u li allegatament baghat ukoll kopja ta` l-att ta` trasferiment ta` l-Founder A Shares favur tieghu lill-MFSA. Dwar dan ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-kumpannija qatt ma approvat dan l-allegat trasferiment ta` l-Founder A Shares tar-rikorrenti Peterstone u fil-fatt qatt ma kien hemm registrazzjoni ta` dan it-trasferiment fir-registru tal-membri tal-kumpannija. Kopja tar-registru tal-membri (votanti) tal-kumpannija hija hawn annessa u mmarkata **Dok M** ;*

10. *Illi f`Ottubru, 2012 ir-rikorrenti diretturi tal-kumpannija saru jafu illi l-Manager, minghajr ma informa lid-diretturi rikorrenti u minghajr il-kunsens jew approvazzjoni taghhom, qabad u ttrasferixxa investiment materjali li l-kumpannija (tramite in-Norvik Property Fund) kellha f`SIA Meza Fonds, kumpannija ohra registrata gewwa l-Latvja. Il-kumpannija kienet originarjament xtrat l-ishma kollha f`SIA Meza Fonds ghall-prezz ta` sitta punt tnejn miljun Euro (EURO 6.2 miljun) ;*

11. *Illi SIA Meza Fonds kienet kumpannija attiva fl-industrija tal-forestrija li kellha valur ta` cirka erbatax-il miljun Euro (EURO 14 miljun) u li kellha titolu ghal iktar minn 5000 ettaru ta` foresta gewwa l-Latvja. Mhux car liema prezz kiseb il-Manager ghall-bejgh tal-ishma f`SIA Meza Fonds li kellha l-kumpannija izda jidher li x`aktarx dan kien ta` sitta punt tnejn miljun Euro (EURO 6.2 miljun) jew vicin, u ghaldaqstant anqas min-nofs il-valur reali ta` dawn l-ishma skond kif stmat mid-diretturi rikorrenti ;*

12. *Illi r-rikorrenti, in kwantu diretturi tal-kumpannija, jemmnu illi l-bejgh tal-ishma fi SIA Meza Fonds ma kienx fl-ahjar interess ta` Norvik Property Fund u l-investituri taghha u illi r-registrazzjoni ta` dan it-trasferiment hekk kif sar gewwa l-Latvja, sar dolozament min-naha tar-registru kompetenti gewwa l-Latvja. Fil-fatt ir-rikorrenti gja intavolaw kawza ghan-nom tal-kumpannija fl-Administrative Regional Court tal-Latvja kontra r-Registru Kummercjali tal-Latvja b`talba ghar-revoka tad-decizjoni tan-Nutar tal-Gvern Latvjan illi jirregistra t-trasferiment tal-ishma fi SIA Meza Fonds u intavolaw kawza ohra civili fil-Qorti ta` Riga kontra l-Kustodju u l-Manager b`talba ghal dikjarazzjoni illi t-trasferiment tal-ishma f`SIA Meza Fonds huwa null u bla effett legali. Fil-frattemp r-rikorrenti ghamlu wkoll rapporti lill-pulizija gewwa l-Latvja u diga inbdew proceduri kriminali kontra l-membri tal-bord tad-diretturi tal-Manager u kontra l-bord tad-diretturi l-gdid ta` SIA Meza Fonds ;*

13. *Illi fid-dawl ta` l-agir illegali tal-Manager fil-kuntest ta` l-ishma f`SIA Meza Fonds, fil-31 ta` Ottubru, 2012 ir-rikorrenti diretturi tal-kumpannija intimata tterminaw l-inkarigu tal-Manager bhala manager u amministratur ta` l-iskema (qed tigi annessa kopja, flimkien ma traduzzjoni ghall-Ingliz, ta` l-ittra ta` terminazzjoni debitament timbrata mill-Manager u l-Kustodju, u qed jigu mmarkati **Dok N**) ;*

14. *Illi ftit wara t-terminazzjoni tal-inkarigu tal-Manager u cioe` fl-20 ta` Novembru, 2012, ir-rikorrenti diretturi tal-kumpannija talbu lill-Manager u lill-Kustodju sabiex jirritornaw il-kotba kollha tal-kumpannija u tas-sub-funds taghha izda kemm il-Manager kif ukoll il-Kustodju naqsu milli jottemperaw ruhhom ma` din is-sejha biex b`hekk sad-data ta` llum ir-rikorrenti qed jigu michuda minn kull access ghad-dokumentazzjoni u informazzjoni dwar il-kumpannija u s-sub-funds taghha u dwar l-investimenti taghhom kif ukoll dwar il-qaghda finanzjarja tal-iskema. Fil-fatt saru diversi sejhiet sussegwenti ghal din l-informazzjoni inkluz fid-9 ta` Jannar, 2013 u fid-19 ta` Awissu, 2013 (kopji annessi u mmarkati **Dok O**) izda dawn baqghu ma gewx rispettati biex b`hekk id-diretturi ghadhom minghajr access ghal din l-informazzjoni ;*

15. *Illi wara illi gie tterminat l-Custodian Agreement fil-31 ta` Ottubru, 2012, il-Kustodju ma baqax jaghti access lid-diretturi rikorrenti ghall-kotba finanzjarji tal-kumpannija mizmuma minnu biex b`hekk r-rikorrenti sabu ruhhom f`sitwazzjoni fejn ma jistghux jzommu ruhhom informati dwar l-qaghdha finanzjarja tal-kumpannija u tas-sub-funds u l-investimenti rispettivi taghhom ;*

16. *Illi fl-istess waqt l-Manager u l-Kustodju bdew jaghtu informazzjoni u jaghmlu allegazzjonijiet foloz lill-MFSA dwar id-diretturi tal-kumpannija u*

*dan bl-intenzjoni cara illi r-reputazzjoni tar-rikorrenti mar-regolatur Malti tigi skreditata. Fost affarijiet ohra jirrizulta illi l-Manager u/jew il-Kustodju nformaw lill-MFSA illi d-diretturi tal-kumpannija kienu qed jigu investigati mill-pulizija gewwa l-Latvja fil-kuntest ta` allegazzjonijiet ta` frodi. Dawn l-allegazzjonijiet huma kompletament infondati u foloz u fil-fatt fl-ahhar ta` Mejju, 2013 id-diretturi rikorrenti baghatu lill-MFSA kopja ta` ittri mahruga mill-Ministeru ta` Intern tal-Latvja fejn huwa konfermat illi ma hemm ebda proceduri kriminali kontra d-diretturi rikorrenti gewwa l-Latvja (kopja u traduzzjoni ta` ittri annessi u mmarkati* ***Dok P****) ;*

17. *Illi fuq talba tar-rikorrenti diretturi saret laqgha mal-MFSA fl-4 ta` Frar, 2013 fejn id-diretturi ltaqghu ma` Marianne Scicluna (Director, Authorisations Unit) u Jonathan Sammut (Manager, Authorisations Unit) u giet diskussa s-sitwazzjoni prekarja ta` l-iskema. Kien proprjament f`din il-laqgha illi r-rikorrenti saru jafu illi fit-2 ta` Novembru, 2012 l-MFSA kienet irceviet ittri minghand l-Manager u l-Kustodju b`allegazzjonijiet illi d-diretturi tal-kumpannija ma kienux qed jagixxu fl-ahjar interessi taghha ghalkemm sad-data ta` llum r-rikorrenti ghadhom ma rawx u ma nghatawx kopja tal-istess ittri ;*

18. *Illi wara investigazzjonijiet illi saru mill-MFSA dwar l-attivitajiet tal-iskema u tad-diretturi taghha fid-dawl ta` l-allegazzjonijiet maghmula mill-Kustodju u l-Manager u illi r-rikorrenti Peterstone allegatament ittrasferiet l-Founder A Shares lil persuni diversi u allegazzjonijiet ohra maghmula mill-Manager illi d-diretturi ta` l-kumpannija kienu opponew decizjonijiet tal-Manager meta dan kien qed jinnegozja l-bejgh ta` investiment ta` ishma f`kumpannija mizmuma f`sub-fund tal-kumpannija, fl-24 ta` April, 2013 l-MFSA harget direttiva ai termini ta` l-Artikolu 15 ta` l-Att dwar Servizzi ta` Investiment u Artikolu 16(2)(b) ta` l-Att dwar l-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta li permezz taghha ordnat illi l-kumpannija "immediately cease operations including those carried out by AS Norvik Banka and Norvik ieguldījumu pārvaldes sabiedrība, to whom it [the Scheme] has delegated licensable activities" u ordnat ukoll illi d-diretturi tal-kumpannija u d-detenturi ta` l-Founder A Shares "cease exercising any of the powers afforded to them in terms of the Memorandum and Articles of Association, Offering Memorandum and Offering Supplements" (****Dok Q****) ;*

19. *Illi wara investigazzjonijiet ulterjuri fl-24 ta` Lulju 2013 l-MFSA harget direttiva ohra li permezz taghha ordnat lid-diretturi tal-kumpannija sabiex "cease all operations with immediate effect, refrain from carrying out any act and/or transaction whatsoever ; put the scheme into dissolution without delay and appoint a liquidator to wind up the company [Scheme]" (****Dok R****) ;*

20. *Illi d-direttiva tal-24 ta` Lulju, 2012 ordnat ukoll illi "the liquidator shall be a firm acceptable to the Authority [the MFSA] that operates on a cross-*

*border basis and that is of high repute with experience in liquidation matters. The liquidator shall be appointed by the 16th August, 2013 following the Authority`s prior written approval. Should a liquidator not be appointed by the 16th August 2013, the directors of the Scheme shall be personally liable to pay a daily penalty of €50. The person appointed and approved as liquidator shall report regularly to the MFSA" ;*

21. *Illi l-istess direttiva kkonkludiet ukoll illi :*

*"1) The director`s behaviour casts serious doubts on their continued fitness and properness, as is required by the Investment Services Act and by SLC 2.1 of Appendix I to Part B of the Rules for Professional Investor Fund ;*

*2) The scheme is in breach of SLCs 1.5 and 1.8 of Part B of the Rules for Professional Investors Funds, as there currently are no appointed and operational manager and administrator in place and the scheme is not a self-managed scheme ;*

*3) The scheme does not have a Compliance Offer and a Money Laundering Reporting Officer, in breach of SLCs 1.22 and 1.28 of Part B of the Rules for Professional Investor Funds ;*

*4) The scheme has not submitted its audited financial statements for the year ended December 2012, in breach of SLCs 1.87 and 1.88 of Part B of the Rules for Professional Investor Funds."*

22. *Illi d-diretturi rikorrenti jinnegaw kategorikament kull allegazzjoni illi agixxew in mala fede u jinsistu illi c-cirkostanzi li fihom tinsab il-kumpannija llum huma imputabbli unikament lill-agir tal-Kustodju u tal-Manager u l-ksur min-naha tal-istess Kustodju u Manager ta` l-obbligi u dmirijiet taghhom lill-kumpannija u s-sub-funds taghha skond il-kuntratti relattivi u skond il-ligi ;*

23. *Illi wara d-direttivi msemmija tal-MFSA tal-24 ta` Lulju, 2012 d-diretturi rikorrenti tkellmu mad-ditta internazzjonali KPMG kemm gewwa l-Latvja kif ukoll gewwa Malta sabiex jiddiskutu x-xoljiment tal-kumpannija u dwar l-possibiltà tal-involviment ta` KPMG bhala stralcjarja tal-kumpannija. Fil-kors ta` dan il-process kemm il-KMPG gewwa l-Latvja kif ukoll il-KPMG gewwa Malta gew infurmati dwar ic-cirkostanzi kollha tal-kumpannija hekk kif inhuma maghrufa lid-diretturi rikorrenti li jemmnu illi KPMG Malta, li ghandhom il-fakolta` illi joperaw f`kuntest internazzjonali permezz ta` l-ufficji taghhom f`pajjizi ohra, ghandhom l-esperjenza mehtiega sabiex jinhatru likwidaturi tal-kumpannija ;*

24. *Illi ghandu jigi rilevat illi peress illi (a) id-direttivi mahruga mill-MFSA jirrestringu b`mod materjali l-poteri tad-diretturi rikorrenti u l-azzjonijiet illi dawn jistghu jiehdu fic-cirkostanzi ; u (b) bl-agir tal-Manager u l-Kustodju li qed jirrifjutaw illi jaghtu access ghad-dokumentazzjoni, kotba u informazzjoni mehtiega dwar l-kumpannija, d-diretturi rikorrenti ma ghandhomx il-fakoltà li jsiru jafu x`inhi ezattament is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija u ghalhekk ukoll id-diretturi rikorrenti u r-rikorrenti Peterstone in kwantu detentrici tad-999 Founder A Shares fil-kumpannija ma humiex f`qaghda illi jghaddu ghax-xoljiment volontarju tal-kumpannija. B`mod partikolari, peress illi l-Manager u l-Kustodju ma humiex qed jippermettu lid-diretturi rikorrenti jevalwaw il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija l-istess diretturi ma jistghu qatt jaghmlu d-dikjarazzjoni ta` solvenza tal-kumpannija kif mehtieg mill-artikolu 286 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

25. *Illi ghalhekk id-diretturi rikorrenti jemmnu illi fid-dawl tad-direttivi mahruga mill-MFSA u minhabba l-agir tal-Manager u tal-Kustodju illi qed jirrifjutaw illi jghaddu dokumentazzjoni, kotba u informazzjoni lid-diretturi dwar il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija, jezistu l-elementi mehtiega mil-ligi sabiex il-kumpannija tigi xjolta ghaliex jezistu ragunijiet gravi bizzejjed a tenur ta` l-Artikolu 214(2)(b)(iii) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet imfissra fid-dettall f`dan ir-rikors jezistu ragunijiet gravi bizzejjed ghax-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. ai termini ta` l-Artikolu 214(2)(b)(iii) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*2. Tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. a tenur ta` l-Artikolu 214(2) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji taht dawk il-kundizzjonijiet kollha illi jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi ; u*

*3. Tappunta bhala stralcjarju tal-kumpannija lid-ditta KPMG Malta jew kull persuna ohra illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi sabiex jghaddi ghax-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors promotur.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Jannar 2014.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Jannar 2014 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-hatra ta` kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-kumpannija intimata.

Rat in-nota li l-Av. Dr. Tonio Grech ipprezenta fl-4 ta` Frar 2014 fejn accetta l-bandu bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lis-socjeta` intimata.

Rat ir-risposta li l-kuratur deputat Av. Dr. Tonio Grech ipprezenta fis-17 ta` Frar 2014 li taqra hekk –

*1. Illi kif jinghad fil-paragrafu 4 tar-rikors promotorju "prezentement il-kumpannija hija komposta minn seba` sub-funds u cioe` Norvik Property Fund, Norvik Property Fund Armenia, Norvik Property Fund Bulagaria, Norvik Property Fund Ukraine, Norvik Securities Fund, Norvik Venture Capital Fund u Norvik West Venture Capital Fund. Kopja tal-Offrint Memorandum and Supplement Thereto mahruga mill-kumpannija dwar l-istess kumpannija u s-sub-funds taghha huma hawn annessi bhala dokument wiehed u mmarkati Dok. D".*

*2. Illi dawn is-sub-funds, li fi kliem ir-rikorrenti stess jikkomponu s-socjeta` esponenti huma proprjeta` tas-socjeta` JSC "Norvik Banka" li hija socjeta` bankarja registrata fil-Latvja. Fil-fatt din is-socjeta` JSC "Norvik Banka" hija l-uniku investitur fil-kumpannija esponenti kif ukoll il-Fund Custodian u l-proprjetarju assolut tal-manager u amministratur tal-kumpannija JSC "Norvik leguldijumu Parvaldes Sabiedriba", registrat fil-Latvja bin-numru 40003411599, iktar 'il quddiem imsejjah "NIPS".*

*3. Illi d-direttiva tar-regolatur Malta Financial Services Authority tal-24 ta` Lulju 2012, citata fil-paragrafu 20 tar-rikors promotorju, imponiet fuq id-diretturi rikorrenti l-obbligu li jappuntaw stralcjarju "by the 16th August 2013 following the Authority`s prior written approval. Should a liquidator not be appointed by the 16th Agustust 2013, the directors of the Scheme shall be personally liable to pay a daily penalty of €50. The person appointed and approved as liquidator shall report regularly to the MFSA". Minflok ghamlu hekk id-diretturi rikorrenti ntavolaw din il-kawza.*

*4. Illi d-direttiva tal-MFSA tal-24 ta` Lulju 2013, taghmilha cara illi n-nomina tal-istralcjarju da parti tad-diretturi huwa soggett ghall-approvazzjoni tal-MFSA stante li din trid tassigura ruhha illi l-istess stralcjarju jkun indipendenti ghaz-zewg partijiet u imparzjali.*

*5. Illi l-istess direttiva tal-24 ta` Lulju 2013 citata mid-diretturi rikorrenti stess fil-paragrafu 21 tar-rikors promotorju tiddikjara dwarhom illi :*

*"1) The directors` behaviour casts serious doubts on their continued fitness and properness, as is required by the Investment Services Act and by SLC 2.1. of Appendix I to Part B of the Rules for Professional Investor Fund; ..."*

*Fil-fatt id-diretturi rikorrenti, li qed izommu prezentement il-founder shares tal-kumpannija, imxew kontra l-interessi tal-istess kumpannija kemm fil-*

*kaz tat-tentattiv da parti ta` NIPS ghall-bejgh ta` Meza Fonds Ltd. meta d-diretturi ostakolaw l-istess bejgh kif ukoll ikkagunaw telf sostanzjali fl-ammont ta` madwar miljun u nofs Ewro fil-progett Agronika, kif jista` jigi spjegat mill-esponenti waqt il-mori tal-kawza.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jeccepixxu s-sugwenti :-*

*1. Illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed a tenur tal-Artiklu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ghax-xoljiment konsegwentement l-istralc tas-socjeta` intimata imma dan stante l-agir abuziv tar-rikorrenti, u cioe` d-diretturi tal-istess socjeta` intimata, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz, stante l-agir abuziv tar-rikorrenti, u cioe` d-direttur tal-istess socjeta` intimata, l-esponenti m`ghandhiex tbati spejjez.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni, u salv kull azzjoni spettanti lis-socjeta` esponenti fil-konfront tar-rikorrenti personalment.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kuratur deputat, u l-elenku ta` dokumenti li l-kuratur deputatipprezenta mar-risposta.

Semghet ix-xiehda ta` Jelna Curko u ta` Girts Straujums fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2014 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. **Konsiderazzjonijiet**

Il-kuratur deputat tal-kumpannija intimata mhuwiex jikkontesta l-*locus standi* tar-rikorrenti fil-vesti taghhom ta` diretturi tal-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. (numru ufficjali SV59) fil-procediment tal-lum.

Mill-ottika tar-rikorrenti, il-fatti u cirkostanzi (skond huma – konfortati mid-dokumenti li pprezentaw) li wassluhom biex jintraprendu dan il-procediment huma dettaljati fir-rikors promotorju.

In succint - skond ir-rikorrenti – b`tort ta` l-agir ta` JSC Norvik Bank fil-vesti deskritti mir-rikorrenti fir-rikors promotorju – liema JSC Norvik Bank ghalkemm mhijiex parti fil-promediment tal-lum ghandha bhala mandatarju specjali taghha lill-istess Av. Dr. Tonio Grech – ma setghux jikkonformaw mad-direttiva li tathom l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta fis-sens illi jxolju volontarjament il-kumpannija ntimata, u ghalhekk mexxew bil-procediment tal-lum ghax-xoljiment u l-istralc mill-Qorti skond **<u>l-Art 214(2)(b(iii) tal-Kap 386</u>**.

Anke l-kuratur deputat li qieghed jirrapprezenta lill-kumpannija intimata qieghed jaccetta li hemm ragunijiet gravi bizzejjed sabiex il-Qorti tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata skond l-**<u>Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>** pero` qieghed jimputa dawn ir-ragunijiet gravi ghall-imgieba tar-rikorrenti li – skond il-kuratur deputat – kienet censurata mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta.

Is-sinjifikat tal-**<u>Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>** huwa car. Ihalli diskrezzjoni wiesa` lill-Qorti sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "gravi bizzejjed" li jwassluha sabiex taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc. Fil-Kap 386 ma hemmx tifsira ta` "ragunijiet gravi". Il-Qorti ghalhekk ma ghandha tiskarta xejn.

Fl-**<u>Art 122 tal-Insolvency Act 1986</u>** tar-Renju Unit, hemm elenku tac-cirkostanzi fejn kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti. Disposizzjoni identika ghal taghna fl-**<u>Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>** ma hemmx fl-Insolvency Act 1986. Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija l-**<u>Art 122(1)(g)</u>** li jghid : *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.* Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni taghna hija aktar stretta fis-sens illi fil-kaz taghna l-Qorti xxolji u tistralcja meta fil-fehma taghha ikun ragunijiet gravi, waqt li fil-ligi Ingliza, il-kriterju li fuqu l-Qorti trid tibni l-fehma taghha huwa dak tal-gustizzja u l-ekwita`. U l-istrettezza tad-disposizzjoni taghna taghmel hafna sens anke ghaliex jekk il-

Qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi hija obbligata tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ; m`ghandha l-ebda diskrezzjoni.

Dan premess, il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-**<u>Art 122(1)(g)</u>** tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-Qrati Inglizi biex ighidu x`hinu *just and equitable* ghall-fini ta` *winding up* tghin biex tiftah tieqa lill-Qrati taghna ghall-interpretazzjoni ta` x`hinuma *ragunijiet gravi bizzejjed.*

Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

Fil-kaz tal-lum, ghalkemm il-kumpannija intimata hija kumpannija registrata fil-Gzejjer taghna, l-interessi finanzjarji (diretti jew indiretti) u l-persuni (direttament jew indirettament) relatati jew li jduru mal-kumpannija intimata huma – tista` tghid – kollha fil-Latvja. Ghalkemm id-disgwid serju li huwa spjegat fir-rikors promotorju, wassal ghal intervent mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta, wassal ukoll ghal proceduri gudizzjarji fil-Latvja, u sahansitra ghal talba biex tintervjeni l-Pulizija ta` dak il-pajjiz. Il-Qorti kellha l-opportunita` tisma` d-deposizzjoni ta` rapprezentanti ta` JSC Norvik Banka, u l-fehma li ffurmat hija illi l-litigazzjoni li qeghda ssir fil-gurisdizzjoni Maltija ma kenitx daqstant intiza biex tittratta l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet li tinsab quddiem il-Qrati fil-Latvja, izda kienet ir-reazzjoni tad-diretturi tal-kumpannija intimata ghad-direttiva li harget l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta.

L-inkwiet bejn id-diretturi u JSC Norvik Banka huwa ben delineat kemm mill-kontenut tar-rikors promotorju kif ukoll mix-xiehda tar-rapprezentanti tal-bank. Naturalment parti timputa l-htija ghall-inkwiet lill-parti l-ohra. Decizjoni dwar il-kagun tal-inkwiet u l-konsegwenzi civili jew penali trid tittiehed fil-Latvja. Fuq punt wiehed iz-zewg partijiet huma konkordi u cioe` li hemm

"ragunijiet gravi bizzejjed" ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata. Fil-mod u l-manjiera kif svolgew il-fatti, u l-konsegwenzi li gabu maghhom, din il-Qorti hija konvinta minn fatt : illi bejn id-diretturi u s-sid tas-sub-funds li jaghmlu l-kumpannija intimata kien hemm *a breakdown in mutual confidence* tant car u inekwivoku illi l-kumpannija intimata mhux biss ma tistax tkompli bl-esistenza taghha. Fic-cirkostanzi il-Qorti sejra tapplika l-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386**.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, wara li qieset il-posizzjoni li ha l-kuratur deputat li qieghed jirrapprezenta lis-socjeta` intimata fil-procediment tal-lum, qeghda tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti kif gej :-**

**1) Tiddikjara li fil-fehma taghha hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. (numru ufficjali SV59) skond l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Tordna x-xoljiment tal-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. (numru ufficjali SV59) skond l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 b'effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna wkoll l-istralc tal-istess kumpannija.**

**3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. (numru ufficjali SV59).**

**4) Taghti lill-istralcjarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**5) Taghti lill-istralcjarju zmien tliet xhur mil-lum sabiex jipprezenta lill-Qorti rapport dwar l-operat tieghu.**

**6) Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez ta` dan il-procediment sal-lum, inkluzi l-ispejjez tal-kuratur deputat li nhatar biex jirrapprezenta lill-kumpannija intimata.**

**7) Tordna lill-kumpannija Norvik (Malta) SICAV p.l.c. (numru ufficjali SV59) sabiex thallas l-ispejjez tal-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju.**

**8) Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 3 ta` Novembru 2014 fid-9.00 a.m.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------